



30.10.2023

# **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta  
Avjazzjoni Nadifa għas-sena finanzjarja 2022  
(2023/2173(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Vlad Gheorghe

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' s-sejba tal-Qorti tal-Awdituri li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 (l-“Impriża”) għas-sena finanzjarja 2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
2. Ifaħħar it-tnedija tal-programm Avjazzjoni Nadifa fl-2022, b'finanzjament ipproġettat ta' EUR 4,1 biljun, li mistenni jibqa' għaddej sal-2031;
3. Jirrikonoxxi li l-Impriża fl-2022 mexxiet żewġ programmi: il-programm Clean Sky 2 (“CS2”) b'kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ta' EUR 1 755 miljun u l-programm Avjazzjoni Nadifa b'kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE sa EUR 1 700;
4. Jilqa' r-rata ta' eżekuzzjoni ta' 100 % tas-CA għall-infiq operattiv fl-2022; jirrimarka li t-tranżizzjoni tas-CS2 għall-fażi ta' twettiq u għeluq, li tirriżulta f'rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament ta' 79,2 %, minħabba servizzi mogħtija iżda li għadhom ma ġewx fatturati u frontloading għal attivitajiet tal-2023;
5. Jinnota li l-Impriża rrappurtat kontribuzzjonijiet in natura għall-attivitajiet operattivi b'valur ta' EUR 2 194 miljun għall-programm CS2 u mill-inqas EUR 2 400 miljun għall-programm Avjazzjoni Nadifa; l-Impriża ċċertifikat kontribuzzjonijiet in natura kumulattivi għal attivitajiet addizzjonali għal EUR 1 218,5 miljun minn total irrappurtat ta' EUR 1 376,1 miljun;
6. Jilqa' l-ewwel sejħa miftuħa għal proposti mill-Impriża, li rriżultat f'19-il Ftehim ta' Għotja sa tmiem is-sena, li jammontaw għal EUR 654 miljun;
7. Jinnota t-tranżizzjoni tal-programm CS2 għall-fażi ta' twettiq u jirrikonoxxi ż-żieda fl-ammont ta' xogħol fl-2022 minħabba l-ġestjoni simultanja ta' diversi proġetti CS2 flimkien mat-tnedija tal-programm Avjazzjoni Nadifa;
8. Ifaħħar il-progress fir-R&I, b'mod partikolari l-manifattura tal-magni u t-teknoloġiji tal-SAF u jitlob li tiġi intensifikata r-riċerka biex tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni tal-avjazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda;
9. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-2022.